# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt


## Seduta numru 4. Illum il-Hamis, 25 ta' Awwissu 2009

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.00p.m. fuq l-Aġenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Tender għal Gbir ta' Skart
Post ta' Skrivan/a
Approvazzjoni ta' Dwal ġodda fl-Imġarr
Fencing madwar il-Football Ground u l-Iskola Primarja
Approvazzjoni ta' Stimi – Railing fuq il-Bejt u Tisbieħ ta' Parti minn Triq il-Palma
Pjanta Gdida għal Gnien Pubbliku fil-Housing Estate
Affarijiet Mixxellanji

### PREŻENTI

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunisllier Giovann Gatt u l-Kunsillier Maria Said .

Is-Segretarju Eżekuttiv : Christine Lewis, Deputat Segretarju Eżekuttiv : Noel Cini

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

### MINUTI

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**2.00 Korrispondenza**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Segretarju Parlamentari, l-Onor Mario de Marco dwar inizjattiva sabiex jittarju l-bnadar fl-ibliet u rħula maltin bejn it-8 u l-15 ta' Settembru 2009, u dan sabiex din it-tradizzjoni toffri spettaklu matul din il-ġimgħa partikolari. Il-Kunisll qabel li dan l-avviż għandu jitwaħħal fin-notice boards tal-Kunisll Lokali.

2.02 Il-Kunsill kien irċieva wkoll avviż, formola ta' reġistrazzjoni, kif ukoll programm dwar il-Laqgħa Plenarja għas-Sindki, Viċi Sindki u Kunisllieri ta'Malta u Għawdex li kienet ser tinżamm nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru 2009 fil-Lukanda Dolmen f' Buġibba. Is-Sindku qal li kien ser jattendi filwaqt li l-Kunsillier Said qalet li forsi setgħet tattendi wkoll, biss kienet ser

tagħti risposta konkreta aktar tard. Il-Kunsill qabel li l-Assoċjazzjoni tal-Kunislli Lokali għandha tigi nfurmata b' din l-attendenza.

2.03 Ġew iċċirkolati numru ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalita` ta 'l-Imgarr li waslu ghand il-MEPA kif ukoll xi deċiżjonijiet li kienu ttieħdu mill-istess Awtorita`.

**3.00 Komunikazzjonijiet**

3.01 Is-Sindku tkellem dwar il-ftehim li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu kienet qed tipproponi ma' numru ta' Kunsilli, fosthom dak ta' l-Imġarr, dwar l-opportunita` li tippromwovi b' mod aktar effettiv, u anke fi swieq barranin, dawk l-attivitajiet kollha li dawn il-lokalitajiet jimplimentaw sabiex jitkattar il-potenzjal rurali fihom. Wara li l-ftehim propost inqara waqt il-laqgħa, kien deċiż li dan għangu jigi iffirmat.

3.02 Is-Sindku qal ukoll li l-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Chris Said kien qed iniedi l-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill ma għandux jidħol għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu ma' dan.

3.03 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' riżenja b' effett mit-18 ta' Awwissu 2009, mis-Sinjura Yvonne Muscat, waħda mill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill Lokali.

**4.00 Tender għal Gbir ta' Skart**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-segretarji ta' numru ta' kunsilli lokali, fosthom dak ta' l-Imġarr, kienu ltaqgħu sabiex jiddiskutu l-possibilta` li l-Kunsilli li jinsabu fir-reġjun tat-tramuntana jiġu mħajjra jingħaqdu u tinħareġ sejħa waħda għall-ġbir ta' l-iskart. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Christine Lewis qrat dak li kienu qed jipproponu s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunislli Lokali tan-Naxxar, tal-Mosta, ta' San Pawl il-Baħar, tal-Mellieħa, tal-Għargħur, u naturalment ta' l-Imġarrr.

4.02 Wara li saret diskussjoni dwar dan, is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jibda jiddiskuti mal-Kunislli l-oħra fuq livell ta' Kunsillieri, sabiex flimkien jaraw dan l-aspett – jigifieri li l-kuntratt jinħareġ minn grupp ta' kunsilli lokali f' daqqa.

4.03 Sadanittant, il-Kunsill iddeċieda li l-kuntratt preżenti għandu jiġġedded għal tlett xhur oħra, sabiex jingħata żmien biżżejjed sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart.

**5.00 Post ta' Skrivan/a**

5.01 Is-Sindku qal li fid-dawl tar-riżenja tas-Sinjura Yvonne Muscat, il-kunsill kellu jibda l-proċeduri sabiex jimpjega ħaddiem klerikali ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jimpjega uffiċjal eżekuttiv minflok skrivan. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jimpjega skrivan fuq bażi każwali sakemm jitlesta l-proċess biex jiġi mpjegat uffiċjal eżekuttiv mal-Kunsill.

**6.00 Approvazzjonijiet ta' Dwal Godda fl-Imġarr**

6.01 Il-Kunsilleir Gatt poġġa fuq il-mejda l-lista ta' talbiet għal dwal ġodda fil-lokalita` li kienet mgħoddija lilu fl-aħħar seduta. L-istess Kunsilleir wara li ivvettja l-lista kien immarka dawk id-dwal li huma urġenti, minħabba li kienu ilhom li ntalbu, dawk li kienu diġa` saru, u oħrajn li ma kienux daqstant urġenti minħabba li t-talbiet kienu saru aktar riċenti. Il-Kunsill għadda l-lista, u qabel li l-prijorita` għandha tingħata lil dawk id-dwal li kienu mmarkari urġenti. Il-Kunsill issa għandu jagħmel it-talba lill-Korporazzjoni Enemalta.

**7.00 Fencing madwar il-Football Ground u fl-Iskola Primarja.**

7.01 Is-Sindku qal li saret talba biex isir fencing madwar il-ground tal-football. Hu qal li x-xogħol kien ser isir minn ħaddiema tal-MRRA, filwaqt li l-materjal kien ser ikun provdut mill-kumitat tal-football. Dwar il-fencing ta' l-iskola primarja, is-Sindku qal li il-materjal kellu jinxtara mill-Kunsill filwaqt li x-xogħol kellu jsir ukoll minn ħaddiema tal-MRRA.

**8.00 Approvazzjoni ta' Stimi dwar: Railings fuq il-Bejt tal-Kunsill u Tisbieh ta' Parti minn Triq Palma**

8.01 Is-Sindku nforma lill-Kunisll li qed jissuġġerixxi li jitwaħħal railings fuq il-bejt tal-Kunsill u kien talab għal xi stimi ghal dan ix-xogħol.

8.02 Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li tiġi rranġata parti minn Triq Palma u informal ill-Kunisll li kein ukoll talab ghal xi stimi.

8.03 Is-Sindku qal li minħabba li l-Kunsill kien għadu rċieva stima waħda biss fuq kull biċċa xogħol qed jissuħħerixxi li l-approvazzjoni ta' dawn l-istimi titħalla għal seduta oħra.

**9.00 Pjanta Gdida għal Gnien Pubbliku fil-Housing Estate**

9.01 Is-Sindku ippreżenta pjanta ġdida ta' dan il-ġnien pubbliku li qed ikun propost għal Housing Estate u dan minħabba li l-pjanta oriġinali kellha tinbidel minħabba xi fdalijiet storiċi li nstabu waqt li kien qed isir xogħol ta' skavar fiż-żona. Is-Sindku spjega l-pjanta ta' kif qed ikun popost il-ġnien. Il-Kunsill qabel li, bi ftehim mal-perit tal-Kunsill, kellha tintalab laqgħa mal-Kumitat dwar il-Heritage sabiex wara, il-Kunsill ikun jista' jmexxi bil-proġett tiegħu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-postjiet ta' parkegg fi Triq il-Ganfra jiżiedu.

**10.00 Affarijiet Mixxellanji**

10.01 Il-Viċi Sindku qal li b' konnessjoni mal-ġemellaġġ bejn l-Imġarr u l-Comune di Mathi, huwa kellu stedina sabiex iżur dan il-post f' Settembru li ġej. Huwa qal li kien diġa' talab għal stima dwar kemm jiswa' l-biljett ta' l-ajru. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku u l-Kunsliier Gauci għandhom imorru fuq din iż-żjara.

10.02 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar l-attivita` Gnejna Beach Festival li kienet ser issir il-Hamis, 27 ta' Settembru. Hu qal li kienet ser issir laqgħa tal-kumitat li kien qed jorganizza din l-attivita`. Qal ukoll li kienu ġew ordnati xi trophies sabiex jingħataw waqt l-istess attivita`.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

Il-Viċi Sindku ta' rendikont taż-żjara barra minn Malta, li xi żgħażagħ kienu għamlu ftit tal-jiem qabel.

10.03 Wara l-ilment li daħal fil-Kunisll mill-Kunisllier Said, il-Kunsill qabel li l-iskip li hemm fil-bokka kellha tinħasel.

10.04 Il-Kunisllier Gauci ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar attivita` reliġjuża li kenet saret u li għaliha jidher li ma kienx mistieden il-Kunsill kollu, minħabba li huwa qal li ma kienx irċieva l-istedina. Is-Sindku qal li għal din l-okkażżjoni kien mistieden il-Kunsill kollu, biss jidher li għal xi raġuni, l-invit ma kienx ġie ċirkolat bħas-soltu.

10.05 Ġiet approvata l-lista ta' ħlasijiet annessa ma' dawn il-Minuti.

10.06 Il-laqgħa ntemmet fit-9.15p.m.

Noel Cini
Agent Segretarju Eżekuttiv

Paul Vella
Sindku

*Sindku : Paul Vella, Viċi Sindku : Eman Vella*
*Kunsillieri : Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
*Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)*